

## TWISSIJA

### Użu mhux awtorizzat tal-identità u l-logo tal-ESMA

L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għiet infurmata li l-identità u l-logo tagħha għew użati f'komunikazzjonijiet li jimmiraw impjegati tal-kumpanija sabiex jitlobu t-trasferiment ta' flus tal-kumpanija.

Barra minn hekk, l-ESMA għiet mgħarrfa li saru tentattivi biex jintuża l-isem ta' membru anzjan tal-persunal tal-ESMA ukoll għall-għan ta' scams frodulenti li jimmiraw bank ta' tfaddil u emittent elenkat.

Jekk jogħġbok innota li r-referenzi kollha għall-ESMA u għall-impjegati tal-ESMA f'dawn il-komunikazzjonijiet, li ma joriġinawx mill-ESMA, huma foloz għal kollox u saru mingħajr l-għarfien jew il-kunsens tal-ESMA.

Sabiex tiproteġi lilek innifsek kontra dawn il-komunikazzjonijiet mhux awtorizzati, l-ESMA tagħtik parir:

- Tiikkontrolla jekk l-email li tkun irċevejt tkunx ġenwina;
- Tinforma lis-superjuri tiegħek fil-każ ta' emails suspettużi;
- Tikkuntattja l-ESMA jekk ikollok xi suspett;
- Tikkuntattja lill-pulizija;

Kun konxju/a li l-frodisti jistgħu jużaw l-isem, il-logo tal-ESMA jew l-isem ta' membru tal-persunal tal-ESMA, sit web fittizju li jidher li jkun dak tal-ESMA, u/jew jagħmlu referenzi fittizji għal nies li skont huma jaħdmu fl-ESMA. Kun konxju/a ta' dan li għej meta tagħmel il-kontrolli tiegħek:

- L-ESMA hija Awtorità Superviżorja Ewropea stabbilita b'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- L-ESMA hija bbażata f'Pariġi, Franza u li m'għandha ebda affiljat jew fergħa xi mkien ieħor;
- L-emails tal-ESMA jispiċċaw bl-indirizz @esma.europa.eu;
- In-numru tat-telefon tal-ESMA jibda bil-prefiss +33 għal Franza, l-ebda prefiss ieħor mhuwa validu;



- Is sit web uffiċjali tal-ESMA tista' tinstab fuq [www.esma.europa.eu](http://www.esma.europa.eu)



## Noti għall-edituri

1. L-ESMA hija Awtorità indipendenti tal-UE li ġiet stabbilita fl-1 ta' Jannar 2011 u taħdem mill-qrib mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra responsabbli mill-ħidma bankarja (EBA), u l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet okkupazzjonali (EIOPA), u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ESRB).
2. Il-missjoni tal-ESMA hija li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-investituri u tippromwovi swieq finanzjarji li qed jiffunzjonaw tajjeb fl-Unjoni Ewropea (UE). Bħala istituzzjoni indipendenti, l-ESMA tilħaq dan l-għan billi toħloq ġabra unika ta' regoli għas-swieq finanzjarji tal-UE u tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tagħha fl-UE kollha. L-ESMA tikkontribwixxi għar-regolamentazzjoni tad-ditti tas-servizzi finanzjarji b'firxa pan-Ewropea, jew permezz ta' sorveljanza diretta jew permezz tal-koordinazzjoni attiva tal-attività superviżorja nazzjonali.

Aktar informazzjoni:

### David Cliffe

–Aġent Kap

Dipartiment tal-Affarijiet Korporattivi

Tel: +33 (0)1 58 36 43 24

Mowbajl: +33 (0)6 42 48 29 06

Email: [press@esma.europa.eu](mailto:press@esma.europa.eu)